ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 187

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

6 ta' Lulju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Notifika dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis li jirriżulta mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali u qiegħ il-baħar u l-art ta' taħtu għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun Kostali tal-Mediterran** ........ 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 645/2013 tal-4 ta' Lulju 2013 li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għal nases irreġistrati fi Spanja u li jkunu qed jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran** ........ 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 646/2013 tal-4 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bl-għan li jiġi miġġieled t-terroriżmu** ........ 4

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 647/2013 tal-5 ta' Lulju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 6

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2013/356/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/2/2013 tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)** ..... 8

2013/357/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-mizuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni għall-valur akkumulat tal-ekwità tal-Bank Ċentrali Ewropew u għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali li huma ekwivalenti għall-assi ta' rizerva barranin ittrasferiti *(BĊE/2013/15)*** ..... 9

2013/358/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro *(BĊE/2013/16)*** ..... 13

2013/359/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew *(BĊE/2013/17)*** ..... 15

2013/360/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas *(BĊE/2013/18)*** ..... 17

2013/361/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro *(BĊE/2013/19)*** ..... 23

2013/362/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro *(BĊE/2013/20)*** 25

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011** (ĠU L 349, 19.12.2012) 27

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Notifika dwar id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis li jirriżulta mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali u qiegħ il-baħar u l-art ta' taħtu għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun Kostali tal-Mediterran**

Il-Protokoll għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis li jirriżulta mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali u qiegħ il-baħar u l-art ta' taħtu ([1]) għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u r-Reġjun Kostali tal-Mediterran, adottat f'Madrid fl-14 ta' Ottubru 1994, daħal fis-seħħ, permezz tal-Artikolu 32(4) tal-Protokoll, fid-29 ta' Marzu 2013.

([1]) ĠU L 4, 9.1.2013, p. 15.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 645/2013

### tal-4 ta' Lulju 2013

### li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għal nases irreġistrati fi Spanja u li jkunu qed jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li huma soġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali [2] jistipula l-ammont ta' tonn li jista' jsir sajd għalih fl-2013 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti tas-sajd u nases tal-Unjoni Ewropea.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007, [3] jeħtieġ li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwota individwali allokata lill-bastimenti tagħhom li huma itwal minn 24 metru. Għall-bastimenti tal-qbid li huma iqsar minn 24 metru u għan-nases, l-Istati Membri jridu minn tal-inqas jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-gruppi ta' bastimenti bi rkaptu simili.

(3) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija mfassla b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd permezz tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin abbażi tal-approċċ ta' prekawzjoni.

(4) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, fejn il-Kummissjoni ssib li, abbażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri u ta' tagħrif rilevanti ieħor fil-pussess tagħha, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea, għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri jitqiesu li ntużaw kollha għal irkaptu wieħed jew iktar jew għal flotta waħda jew aktar, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i) dwar dan u għandha tipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għaż-żona, għall-irkaptu, għall-istokk, għall-grupp tal-istokkijiet jew għall-flotta rispettivi involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.

(5) Mit-tagħrif li għandha l-Kummissjoni jidher li l-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran allokati lin-nases li huma rreġistrat fi Spanja ġew eżawriti.

(6) Fl-10, it-12 u d-19 ta' Ġunju, Spanja infurmat lill-Kummissjoni bil-fatt li kienet imponiet waqfien tal-attivitajiet tas-sajd tal-erba' nases tagħha li matul l-2013, kienu attivi fis-sajd għat-tonn, b'effett mill-11 ta' Ġunju għal żewġ nases, b'effett mit-12 ta' Ġunju għal nassa waħda u b'effett mill-20 ta' Ġunju għall-aħħar nassa, miżura li rriżultat fil-projbizzjoni tal-attivitajiet kollha mill-20 ta' Ġunju 2013 f'00:00.

(7) Bla ħsara għall-azzjonijiet imsemmija hawn fuq li ttieħdu minn Spanja, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tikkonferma l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 W u fil-Baħar Mediterran bin-nases irreġistrati fi Spanja b'effett mhux iktar tard mill-20 ta' Ġunju 2013 f'00:00.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran bin-nases irreġistrati fi Spanja għandu jkun ipprojbit mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2013 f'00:00.

It-tonn maqbud minn dawk in-nases minn dik id-data 'l quddiem ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi ttrażbordat, ittrasferit, maħsud jew żbarkat.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1
[2] ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1
[3] ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Maria DAMANAKI
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 646/2013

## tal-4 ta' Lulju 2013

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bl-għan li jiġi miġġieled t-terroriżmu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bl-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 jelenka l-awtoritajiet kompetenti li lilhom għandhom jintbagħtu l-informazzjoni u t-talbiet li jirrigwardaw il-miżuri imposti minn dan ir-Regolament.

(2) Il-Latvja talbet li għandhom jiġu emendati d-dettalji tal-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tagħha.

(3) L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

(1) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 huwa emendat kif ġej:

Id-dettalji tal-indirizz taħt l-intestatura "il-Latvja" għandhom jiġu sostitwiti bi:

'Latvijas Republikas Ārlietu Ministrija
K.Valdemāra iela 3
Rīga LV-1395, Latvija
Tel: (+371) 67 016 201
Fax: (+371) 67 828 121
mfa.cha@mfa.gov.lv

Noziedzīgi iegūtu līdzekļu legalizācijas novēršanas dienests
Raiņa bulvāris 15
Rīga LV-1050, Latvija
Tel: (+371) 67 044 430
Fax: (+371) 67 324 497
kd@kd.gov.lv'

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 647/2013

## tal-5 ta' Lulju 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0707 00 05 | MK | 33,9 |
| | TR | 105,8 |
| | ZZ | 69,9 |
| 0709 93 10 | TR | 119,5 |
| | ZZ | 119,5 |
| 0805 50 10 | AR | 89,7 |
| | TR | 69,0 |
| | ZA | 97,4 |
| | ZZ | 85,4 |
| 0808 10 80 | AR | 142,5 |
| | BR | 90,5 |
| | CL | 138,9 |
| | CN | 96,2 |
| | NZ | 145,8 |
| | US | 156,5 |
| | ZA | 118,9 |
| | ZZ | 127,0 |
| 0808 30 90 | AR | 116,1 |
| | CL | 124,8 |
| | CN | 49,9 |
| | NZ | 192,6 |
| | ZA | 117,1 |
| | ZZ | 120,1 |
| 0809 10 00 | IL | 275,4 |
| | TR | 205,6 |
| | ZZ | 240,5 |
| 0809 29 00 | TR | 288,3 |
| | ZZ | 288,3 |
| 0809 30 | TR | 236,9 |
| | ZZ | 236,9 |
| 0809 40 05 | IL | 135,1 |
| | MA | 100,4 |
| | ZA | 125,3 |
| | ZZ | 120,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/2/2013

**tat-2 ta' Lulju 2013**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)**

(2013/356/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") sabiex jieħu d-deċiżjonijiet biex jinħatar il-Kmandat tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ("Kmandat tal-Forza tal-UE").

(2) Fit-22 ta' Marzu 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni Atalanta/1/2013 [2] li taħtar il-Komodor Jorge NOVO PALMA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE irrakkomanda l-ħatra ta' Komodor Peter LENSELINK bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE bħala s-suċċessur tal-Komodor Jorge NOVO PALMA

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Komodor Peter LENSELINK huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, prevenzjoni u trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja mis-6 ta' Awwissu 2013.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni Atalanta/1/2013 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-6 ta' Awwissu 2013.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
W. STEVENS

---

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/1/2013 tat-22 ta' Marzu 2013 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ĠU L 87, 27.3.2013, p. 12).

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tistabbilixxi l-mizuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni għall-valur akkumulat tal-ekwità tal-Bank Ċentrali Ewropew u għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali li huma ekwivalenti għall-assi ta' rizerva barranin ittrasferiti

***(BĊE/2013/15)***

(2013/357/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [1] tipprovdi għall-espansjoni tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn hawn 'il quddiem "skema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital estiża (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar tal-iskema tal-kapital").

(2) L-aġġustamenti għall-ippeżar fl-iskema tal-kapital u l-bidliet li jirriżultaw fl-ishma tal-BĊNi fil-kapital sottoskritt tal-BĊE jagħmlu neċessarju li jiġu aġġustati l-klejms li l-BĊE jkun ikkredita skont l-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-"BĊNi taż-żona tal-euro") u li huma ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet ta' assi ta' riżerva barranin minn BĊNi taż-żona tal-euro lill-BĊE (minn hawn 'il quddiem il-"klejms"). Dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-klejms tagħhom jiżdiedu minħabba iż-żieda fl-ippeżar tagħhom fl-iskema tal-kapital sa mill-1 ta' Lulju 2013, għandhom minħabba f'hekk iwettqu trasferiment ta' kumpens lill-BĊE, filwaqt li l-BĊE għandu jwettaq trasferiment ta' kumpens lil dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-klejms tagħhom jonqsu minħabba dan it-tnaqqis fl-ippeżar tagħhom fl-iskema tal-kapital.

(3) Il-limitu fuq l-ammont ta' assi ta' rizerva barranin li jistgħu jiġu ttrasferiti lill-BĊE ser ikun ekwivalenti għal EUR 57 951 042 976,26 b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

(4) Skont il-prinċipji ġenerali tas-sens ta' ġustizzja, it-trattament ugwali u l-protezzjoni tal-aspettazzjonijiet leġittimi li huma l-bażi tal-Istatut tas-SEBĊ, dawk il-BĊNi parteċipanti li s-sehem relattiv tagħhom fiż-żidiet fil-valur akkumulat tal-ekwità tal-BĊE, minħabba l-aġġustamenti msemmija aktar 'il fuq, għandu wkoll iwettqu trasferiment ta' kumpens lil dawk il-BĊNi taż-żona tal-euro li l-ishma relattivi tagħhom jiċkienu.

(5) L-ippeżar rispettiv fl-iskema tal-kapital ta' kull BĊN taż-żona tal-euro sat-30 ta' Ġunju 2013, u b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, għandu jiġi rrappreżentat bħala persentaġġ tal-total tal-kapital tal-BĊE kif sottoskritt mill-BĊNi kollha taż-żona tal-euro, sabiex jiġi kkalkulat l-aġġustament tal-valur tas-sehem ta' kull BĊN taż-żona tal-euro fil-valur tal-ekwità akkumulata tal-BĊE.

(6) Bl-istess mod, hija meħtieġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2008/27 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni lill-valur propjetarju akkumulat tal-Bank Ċentrali Ewropew u biex jiġu aġġustati l-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti [2],

ADOTTA DIN ID-DEĊIÝJONI:

*Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "valur akkumulat tal-ekwità" tfisser it-total tar-riżervi, il-kontijiet ta' rivalutazzjoni u l-ħażniet ekwivalenti għal riżervi kif ikkalkulat mill-BĊE għat-30 ta' Ġunju 2013, biż-żieda jew it-tnaqqis tal-qligħ jew telf nett akkumulat tal-BĊE, skont il-każ, mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Jannar 2013. Ir-riżervi tal-BĊE u dawk il-ħażniet ekwivalenti għal riżervi għandhom jinkludu, mingħajr limitazzjoni għall-ġeneralità tal-'valur akkumulat tal-ekwità', il-fond ta' riżerva ġenerali u l-ħażna għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata tal-imgħax, kreditu u riskji tal-prezz tad-deheb;

(b) "data tat-trasferiment" tfisser it-12 ta' Lulju 2013;

(c) id-"dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus tal-euro" għandha jkollha l-istess tifsira bħat-terminu "dħul tal-BĊE minn karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni" kif iddefinit fl-Artikolu 1(c) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/24 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni u li jirriżulta minn titoli mixtrija taħt il-programm tas-swieq tat-titoli [3];

---

[1] Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 77.

[3] ĠU L 6, 11.1.2011, p. 35.

(d) id-"dħul tal-BĊE mill-SMP" għandha jkollha l-istess tifsira bħat-terminu "dħul tal-BĊE li jirriżulta minn titoli SMP" kif iddefinit fl-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/24.

*Artikolu 2*

**Kontribuzzjoni għar-rizervi u l-ħażniet tal-BĊE**

1. Jekk is-sehem ta' BĊN taż-żona tal-euro fil-valur akkumulat tal-ekwità jiżdied minħabba ż-żieda fl-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi l-ammont stabbilit lill-BĊE fid-data tat-trasferiment.

2. Jekk is-sehem ta' BĊN taż-żona tal-euro fil-valur akkumulat tal-ekwità jiżdied minħabba ż-żieda fl-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jirċievi l-ammont stabbilit mingħand il-BĊE bis-saħħa tal-paragrafu 3 fid-data tat-trasferiment.

3. Fit-12 ta' Lulju 2013, il-BĊE għandu jikkalkula u jikkonferma lil kull BĊN taż-żona tal-euro jew l-ammont li jrid jiġi ttrasferit minn dak il-BĊN taż-żona tal-euro lill-BĊE fejn japplika l-paragrafu 1, jew l-ammont li dak il-BĊN taż-żona tal-euro għandu jirċievi mingħand il-BĊE fejn japplika l-paragrafu 2. Mingħajr ħsara għat-tqarrib, kull ammont li jrid jiġi ttrasferit jew riċevut jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-valur akkumulat tal-ekwità bid-differenza assoluta bejn l-ippeżar fl-iskema tal-kapital ta' kull BĊN taż-żona tal-euro fit-30 ta' Ġunju 2013 u l-ippeżar fl-iskema tal-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 bid-diviżjoni tar-riżultat b'100.

4. Kull ammont deskritt fil-paragrafu 3 għandu jkun dovut f'euro fl-1 ta' Lulju 2013 iżda għandu jkun ittrasferit effettivament fid-data tat-trasferiment.

5. Fid-data tat-trasferitment, BĊN taż-żona tal-euro jew il-BĊE li jridu jittrasferixxu ammont skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandhom jittrasferixxu wkoll b'mod separat kull imgħax li jiddekorri tul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sad-data tat-trasferiment ta' kull wieħed mill-ammonti rispettivi dovuti minn dan il-BĊN taż-żona tal-euro u l-BĊE. Dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom bħal dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jiddekorri l-imgħax.

6. Jekk il-valur akkumulat tal-ekwità jkun ta' anqas minn zero, għandu jsir saldu tal-ammonti li jkollhom jiġu ttrasferiti jew irċevuti skont il-paragrafu 3 u l-paragrafu 5 fid-direzzjonijiet opposti għal dawk speċifikati fil-paragrafu 3 u l-paragrafu 5.

*Artikolu 3*

**Aġġustament tal-klejms li huma ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ttrasferiti**

1. Il-klejms tal-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jiġu aġġustati b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 skont l-ippeżar aġġustat tagħhom fl-iskema tal-kapital. Il-valur tal-klejms tal-BĊNi taż-żona tal-euro b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 qed jintwera fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. Kull BĊN taż-żona tal-euro, bis-saħħa ta' din id-dispozizzjoni u mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalita' jew att ulterjuri, għandu jitqies li fl-1 ta' Lulju 2013 ikun ittrasferixxa jew irċieva il-valur assolut tal-klejm (f'euro) imnizzel ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċizjoni, fejn "-" għandha tirreferi għal klejm li l-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "+" għal klejm li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN taż-żona tal-euro.

3. Fl-1 ta' Lulju 2013, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi jew jirċievi l-valur assolut ta' l-ammont (f'euro) imniżżel ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN taż-żona tal-euro għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "- " għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN taż-żona tal-euro.

*Artikolu 4*

**Kwistjonijiet finanzjarji relatati**

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ([1]), il-bilanċi intra-Eurosistema fuq karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni għandhom, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Lulju 2013, jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-iskema tal-kapital applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013 applikata lil bilanċi fuq it-total ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni fit-28 ta' Ġunju 2013. Għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ammonti ta' kumpens u l-entrati tal-kontabilità biex jibbilanċaw dawk l-ammonti, kif deskritti fl-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23, għandhom jiġu rreġistrati fil-kotba ta' kull BĊN bid-data tal-valur tkun l-1 ta' Lulju 2013.

2. Fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Jannar 2013, id-dħul monetarju tal-BĊNi taż-żona tal-euro għandu jkun allokat u mqassam skont l-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fit-30 ta' Ġunju 2013.

3. Għas-sena finanzjarja 2013, il-profitt jew it-telf nett tal-BĊE, skont il-każ, għandu jkun allokat fuq il-bażi tal-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013.

([1]) ĠU L 35, 9.2.2011, p. 17.

4. Kull distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE fuq il-karti tal-flus tal-euro u/jew id-dħul tal-BĊE fuq l-SMP għas-sena 2013 għandha tiġi allokata fuq il-bażi tal-ippeżar applikabbli fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013.

5. F'każ illi l-BĊE jagħmel telf fis-sena finanzjarja 2013, il-BĊE għandu jibbilanċja t-telf kontra dawn li ġejjin:

(a) fondi rilaxxati mill-fond ta' riżerva ġenerali tal-BĊE;

(b) suġġett għal deċizjoni tal-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013;

(c) suġġett għal deċizjoni tal-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ, id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013;

6. Jekk id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013 irid jiġi ttrasferit lill–BĊE sabiex ikopri t-telf tiegħu għas-sena, għandhom isiru ħlasijiet ta' kumpens minbarra l-ħlasijiet deskrittu fl-Artikolu 2 l-Artikolu 3. Kull BĊN taż-żona tal-euro li l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital jiżdied fl-1 ta' Lulju 2013 għandu jagħmel dan il-ħlas lill-BĊE, u l-BĊE għandu jagħmel dan il-ħlas lil kull BĊN taż-żona tal-euro li l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital jonqos fl-1 ta' Lulju 2013. L-ammont ta' ħlasijiet ta' kumpens għandu jiġi kkalkulat kif ġej. It-total tad-dħul monetarju għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sat-30 ta' Ġunju 2013 ittrasferit lill-BĊE sabiex ikopri t-telf tiegħu għandu jiġi mmultiplikat bid-differenza assoluta bejn l-ippeżar fl-iskema tal-kapital tal-BĊN taż-żona tal-euro fit-20 ta' Ġunju 2013 u l-ippeżar tiegħu fl-iskema tal-kapital fl-1 ta' Lulju 2013 u r-riżultat għandu jkun diviż b'100. L-imgħax għandu jiddekorri fuq il-ħlasijiet ta' kumpens li jirrigwardaw id-dħul monetarju tal-BĊNi mill-1 ta' Jannar 2014 sad-data tal-ħlas ta' dawn il-ħlasijiet.

7. Il-ħlasijiet ta' kumpens addizzjonali fir-rigward tad-dħul monetarju tal-BĊNi kif deskritt fil-paragrafu 6, kif ukoll l-imgħax li jiddekorri fuqhom, għandhom jitħallsu fit-tieni jum tax-xogħol wara t-tieni laqgħa tal-Kunsill Governattiv miżmuma fi Frar 2014.

*Artikolu 5*

**Disposizzjonijiet ġenerali**

1. L-imgħax li jiddekorri skont l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 4(6) għandu jiġi kkalkulat ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalkulazzjoni fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli wżata mill-Eurosistema fis-sejħiet għall-offerti tagħha għal operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenin.

2. Kull trasferiment bis-saħħa tal-Artikolu 2(1), (2) u (5), l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 4(6) u (7) għandu jseħħ separatament permezz tat-TARGET2.

3. Il-BĊE u l-BĊNi taż-żona tal-euro li huma obbligati li jwettqu xi wieħed mit-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom, fiż-żmien dovut, jagħtu l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex dawn it-trasferimenti jitwettqu fil-ħin u kif għandu jkun.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/27 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2008/27 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**KLEJMS EKWIVALENTI GĦALL-ASSI TA' RIZERVA BARRANIN ITTRASFERITI LILL-BĊE**

*(EUR)*

| BĊN taż-żona tal-euro | Klejm ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE, fit- 30 ta' Ġunju 2013 | Klejm ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE, mill-1 ta' Lulju 2013 | Ammont tat-trasferiment |
|---|---|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 1 397 303 846,77 | 1 401 024 414,99 | 3 720 568,22 |
| Deutsche Bundesbank | 10 909 120 274,33 | 10 871 789 515,48 | – 37 330 758,85 |
| Eesti Pank | 103 115 678,01 | 103 152 856,50 | 37 178,49 |
| Central Bank of Ireland | 639 835 662,35 | 643 894 038,51 | 4 058 376,16 |
| Bank of Greece | 1 131 910 590,58 | 1 129 060 170,31 | – 2 850 420,27 |
| Banco de España | 4 783 645 755,10 | 4 782 873 429,96 | – 772 325,14 |
| Banque de France | 8 192 338 994,75 | 8 190 916 316,35 | – 1 422 678,40 |
| Banca d'Italia | 7 198 856 881,40 | 7 218 961 423,55 | 20 104 542,15 |
| Central Bank of Cyprus | 78 863 331,39 | 77 248 740,29 | – 1 614 591,10 |
| Banque centrale du Luxembourg | 100 638 597,47 | 100 776 863,74 | 138 266,27 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 36 407 323,18 | 36 798 912,29 | 391 589,11 |
| De Nederlandsche Bank | 2 297 463 391,20 | 2 298 512 217,57 | 1 048 826,37 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1 118 545 877,01 | 1 122 511 702,45 | 3 965 825,44 |
| Banco de Portugal | 1 008 344 596,55 | 1 022 024 593,93 | 13 679 997,38 |
| Banka Slovenije | 189 410 251,00 | 189 499 910,53 | 89 659,53 |
| Národná banka Slovenska | 399 443 637,59 | 398 761 126,72 | – 682 510,87 |
| Suomen Pankki | 722 328 204,76 | 721 838 191,31 | – 490 013,45 |
| **Total** ([1]) | **40 307 572 893,44** | **40 309 644 424,48** | **2 071 531,04** |

([1]) Minħabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro

## *(BĊE/2013/16)*

(2013/358/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artiklu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) tipprovdi għall-espansjoni tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "skema tal-kapital") u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital estiża (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar fl-iskema tal-kapital").

(2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro ([2]) jiddefinixxi l-'iskema ta distribuzzjoni ta' karti tal-flus' u jirreferi għal Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2011. Billi ser japplika ppeżar ġdid fl-iskema tal-kapital mill-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 trid tiġi emendata sabiex tiġi stipulata l-iskema ta distribuzzjoni ta' karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emenda**

1. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija mibdula b' li ġej: "L-Anness ta' din id-Deċizjoni jispeċifika l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013.".

2. L-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurenal Uffiċjali.

([2]) ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26.

*ANNESS*

**SKEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' LULJU 2013**

| | |
|---|---|
| Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,1975 % |
| Deutsche Bundesbank | 24,8130 % |
| Eesti Pank | 0,2355 % |
| Central Bank of Ireland | 1,4695 % |
| Bank of Greece | 2,5770 % |
| Banco de España | 10,916 % |
| Banque de France | 18,6945 % |
| Banca d'Italia | 16,4760 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1765 % |
| Banque centrale du Luxembourg | 0,2300 % |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0840 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,2460 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,5620 % |
| Banco de Portugal | 2,3325 % |
| Banka Slovenije | 0,4325 % |
| Národná banka Slovenska | 0,9100 % |
| Suomen Pankki | 1,6475 % |
| TOTAL | 100,0000 % |

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

## *(BĊE/2013/17)*

(2013/359/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikoli 29.4 u l-Artikolu 48.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-SEBĊ,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE [1] stabbilixxiet, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ippeżar assenjat lil dawk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li kienu membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2009 fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem 'l-ippeżar fl-iskema tal-kapital' u 'l-iskema tal-kapital' rispettivament).

(2) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-BĊN tagħha, Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-SEBĊ fl-1 ta' Lulju 2013, il-kapital sottoskritt tal-BĊE għandu jiżdied b'mod awtomatiku bis-saħħa tal-Artikolu 48.3 tal-Istatut tas-SEBĊ. Din iż-żieda teħtieġ il-kalkolazzjoni tal-ippeżar tal-iskema tal-kapital ta' kull BĊN illi ser ikun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Lulju 2013 b'analoġija mal-Artikolu 29.1 u b'konformità mal-Artikolu 29.2 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(3) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar id-data statistika li għandha tintuża għal l-aġġustament tal-formula għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2], il-Kummissjoni Ewropea forniet lill-BĊE bid-dejta statistika li trid tintuża meta tiġi stabbilita l-iskema tal-kapital aġġustata.

(4) B'analoġija mal-Artikoli 3.5 u 6.6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew [3], u minħabba l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali għal din id-Deċiżjoni, il-Gvernatur tal-Hrvatska narodna banka kellu l-opportunità jissottometti osservazzjonijiet fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

### Aġġustament

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dejta statistika reveduta sabiex tintuża fl-aġġustament tal-iskema tal-kapital u l-figuri ma jlaħħqux il-100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun ta' anqas minn 100 %, billi jizdied 0,0001 ta' punt perċentwali mal-izgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % ezatt, jew (ii) jekk it-total ikun ogħla minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % ezatti.

### *Artikolu 2*

### L-ippeżar fl-iskema tal-kapital

L-ippeżar assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital deskritta fl-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ u jkun kif ġejn b'effett mill-1 ta' Lulju 2013:

| | |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2,4176 % |
| Българска народна банка/Bank Nazzjonali Bulgaru | 0,8644 % |
| Česká národní banka | 1,4539 % |
| Danmarks Nationalbank | 1,4754 % |
| Deutsche Bundesbank | 18,7603 % |
| Eesti Pank | 0,1780 % |
| Central Bank of Ireland | 1,1111 % |
| Bank of Greece | 1,9483 % |
| Banco de España | 8,2533 % |
| Banque de France | 14,1342 % |
| Hrvatska narodna banka | 0,5945 % |
| Banca d'Italia | 12,4570 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1333 % |
| Latvijas Banka | 0,2742 % |
| Lietuvos bankas | 0,4093 % |

[1] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 66.
[2] ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.
[3] Deċiżjoni BĊE/2004/12 tas-17 ta' Ġunju 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 230, 30.6.2004, p. 61).

| | |
|---|---|
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,1739 % |
| Magyar Nemzeti Bank | 1,3740 % |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0635 % |
| De Nederlandsche Bank | 3,9663 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 1,9370 % |
| Narodowy Bank Polski | 4,8581 % |
| Banco de Portugal | 1,7636 % |
| Banca Națională a României | 2,4449 % |
| Banka Slovenije | 0,3270 % |
| Národná banka Slovenska | 0,6881 % |
| Suomen Pankki | 1,2456 % |
| Sveriges riksbank | 2,2612 % |
| Bank of England | 14,4320 % |

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2008/23 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas

## *(BĊE/2013/18)*

(2013/360/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 28.5 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [1] tipprovdi għall-aġġustament tal-ippeżar assenjat lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn hawn 'il quddiem l-'ippeżar fl-iskema tal-kapital' u l-'iskema tal-kapital' rispettivament) minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013. Dan l-aġġustament jeħtieġ illi l-Kunsill Governattiv jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital bejnil-BĊNi li huma membri tas-SEBĊ fit-30 ta' Ġunju 2013 sabiex jiġi żgurat illi t-tqassim ta' dawn l-ishma jikkorrispondi għall-aġġustamenti magħmula. Bl-istess mod, hija meħtieġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2008/25 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti tal-ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas [2] b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

(2) Hrvatska narodna banka mhijiex ser tingħaqad mas-SEBĊ sal-1 ta' Lulju 2013, li jfisser illi t-trasferiment ta' kapital bis-saħħa tal-Artikolu 28.5 tal-Istatut tas-SEBĊ ma japplikax għaliha f'din l-okkażjoni.

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/19 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar il-ħlas fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro [3] tiddetermina kif u sa liema punt il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") huma taħt obbligu biex iħallsu l-kapital tal-BĊE minħabba l-iskema tal-kapital estiża. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/20 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar il-ħlas fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro [4] tiddetermina l-persentaġġ illi l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem 'BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro') huma taħt obbligu illi jħallsu b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 minħabba l-iskema tal-kapital estiża.

(4) Il-BĊNi taż-żona tal-euro diġà ħallsu l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif mitlub skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/27 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro [5]. Minħabba dan, l-Artikolu 2(1) ta' Deċiżjoni BĊE/2013/19 jistipula illi l-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jew jittrasferixxu ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievu ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jaslu għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/19. Id-Deċiżjoni BĊE/2010/27 tissupplimenta d-Deċiżjoni BĊE/2008/24 li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti [6].

(5) Bl-istess mod, il-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro, bl-eċċezzjoni ta' Hrvatska narodna banka, diġà ħallsu persentaġġ tal-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif mitlub fid-Deċiżjoni BĊE/2010/28 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro [7]. Minħabba dan, l-Artikolu 2(1) ta' Deċiżjoni BĊE/2013/20 jistipula illi kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/20. L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2013/20 jistipula illi Hrvatska narodna banka għandu jittrasferixxi lill-BĊE l-ammont muri ħdejn ismu fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1 tal-istess Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

### Trasferiment tal-ishma fil-kapital

Meta wieħed iqis is-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN, bl-eċċezzjoni ta' Hrvatska narodna banka, se jkun issottoskriva fit-30 ta' Ġunju 2013, u s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN se jissottoskrivi b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 bħala konsegwenza tal-aġġustament tal-ippeżar fl-iskema tal-kapital stipulat

[1] Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 71.
[3] Ara paġna 23 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] Ara paġna 25 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[5] ĠU L 11, 15.1.2011, p. 54.
[6] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 69.
[7] ĠU L 11, 15.1.2011, p. 56.

fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/17, dawn il-BĊNi għandhom jittrasferixxu l-ishma tal-kapital bejniethom permezz ta' trasferimenti mingħand u lill-BĊE biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni tal-ishma fil-kapital b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 tikkorrispondi mal-ippeżar aġġustat. Għal dan il-għan, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalità jew att, kull BĊN għandu jitqies bħala li ttrasferixxa jew irċieva, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, is-sehem fil-kapital sottoskritt tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem fil-kapital li l-BĊE għandu jittrasferixxi lill-BĊN u "-" għal sehem fil-kapital li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

Meta wieħed iqis l-ammont tal-kapital tal-BĊE li tħallas minn kull BĊN u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 bis-saħħa tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/19 għall-BĊNi fiż-żona tal-euro u tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/20 għall-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro rispettivament, fl-1 ta' Lulju 2013 kull BĊN għandu jew jittrasferixxi jew jirċievi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u s-sinjal "-" għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil dak il-BĊN.

*Artikolu 3*

**Disposizzjonijiet ġenerali**

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom iseħħu permezz tat-TARGET2.

2. Meta BĊN ma jkollux aċċess għat-TARGET2, l-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom jiġu ttrasferiti billi jiġi kkreditat kont li l-BĊE jew BĊN jidentifika fi żmien adegwat.

3. F'każ ta' nuqqas ta' ħlas fl-1 ta' Lulju 2013, l-imgħax dovut mill-1 ta' Lulju 2013 sal-jum tal-ħlas għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, billi jintuża l-metodu ta' kalk ulazzjoni attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għall-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli wżata mill-Eurosistema fis-sejħiet għal offerti tagħha għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin. Dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħal dawk li jittrasferixxu u dawk li jirċievu l-ammonti li fuqhom jakkumula l-imgħax. Il-ħlas tal-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 u l-ħlasijiet tal-imgħax għandhom isiru f'żewġ tranżazzjonijiet separati.

4. Il-BĊE u l-BĊNi li huma taħt obbligu li jagħmlu trasferiment skont l-Artikolu 2 għandhom, maż-żmien, jagħtu l-istruzzjonijiet neċessarji għat-twettiq ta' dan it-trasferiment fil-ħin u kif għandu jkun.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/25 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2008/25 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS I*

**KAPITAL SOTTOSKRITT TAL-BĊNI**

(EUR)

| | Sehem sottoskritt fit-30 ta' Ġunju 2013 | Sehem sottoskritt mill-1 ta' Lulju 2013 | Sehem li jrid jiġi ttrasferit |
|---|---|---|---|
| **BĊN taż-żona tal-euro** | | | |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 261 010 384,68 | 261 705 370,91 | 694 986,23 |
| Deutsche Bundesbank | 2 037 777 027,43 | 2 030 803 801,28 | – 6 973 226,15 |
| Eesti Pank | 19 261 567,80 | 19 268 512,58 | 6 944,78 |
| Central Bank of Ireland | 119 518 566,24 | 120 276 653,55 | 758 087,31 |
| Bank of Greece | 211 436 059,06 | 210 903 612,74 | – 532 446,32 |
| Banco de España | 893 564 575,51 | 893 420 308,48 | – 144 267,03 |
| Banque de France | 1 530 293 899,48 | 1 530 028 149,23 | – 265 750,25 |
| Banca d'Italia | 1 344 715 688,14 | 1 348 471 130,66 | 3 755 442,52 |
| Central Bank of Cyprus | 14 731 333,14 | 14 429 734,42 | – 301 598,72 |
| Banque centrale du Lussemburgu | 18 798 859,75 | 18 824 687,29 | 25 827,54 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 6 800 732,32 | 6 873 879,49 | 73 147,17 |
| De Nederlandsche Bank | 429 156 339,12 | 429 352 255,40 | 195 916,28 |
| Oesterreichische Nationalbank | 208 939 587,70 | 209 680 386,94 | 740 799,24 |
| Banco de Portugal | 188 354 459,65 | 190 909 824,68 | 2 555 365,03 |
| Banka Slovenije | 35 381 025,10 | 35 397 773,12 | 16 748,02 |
| Národná banka Slovenska | 74 614 363,76 | 74 486 873,65 | – 127 490,11 |
| Suomen Pankki | 134 927 820,48 | 134 836 288,06 | – 91 532,42 |
| **BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro** | | | |
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 93 467 026,77 | 93 571 361,11 | 104 334,34 |
| Česká národní banka | 155 728 161,57 | 157 384 777,79 | 1 656 616,22 |
| Danmarks Nationalbank | 159 634 278,39 | 159 712 154,31 | 77 875,92 |
| Hrvatska narodna banka | 0,00 | 64 354 667,03 | 64 354 667,03 |
| Latvijas Banka | 30 527 970,87 | 29 682 169,38 | – 845 801,49 |
| Lietuvos bankas | 45 797 336,63 | 44 306 753,94 | – 1 490 582,69 |
| Magyar Nemzeti Bank | 149 099 599,69 | 148 735 597,14 | – 364 002,55 |
| Narodowy Bank Polski | 526 776 977,72 | 525 889 668,45 | – 887 309,27 |

*(EUR)*

| | Sehem sottoskritt fit-30 ta' Ġunju 2013 | Sehem sottoskritt mill-1 ta' Lulju 2013 | Sehem li jrid jiġi ttrasferit |
|---|---|---|---|
| Banca Națională a României | 265 196 278,46 | 264 660 597,84 | – 535 680,62 |
| Sveriges riksbank | 242 997 052,56 | 244 775 059,86 | 1 778 007,30 |
| Bank of England | 1 562 145 430,59 | 1 562 265 020,29 | 119 589,70 |
| **Total** (1) | **10 760 652 402,58** | **10 825 007 069,61** | **64 354 667,03** |

(1) Minhabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

*ANNESS II*

**KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNi**

*(EUR)*

| | Sehem imħallas fit- 30 ta' Ġunju 2013 | Sehem imħallas mill-1 ta' Lulju 2013 | Ammont ta' ħlas ittrasferit |
|---|---|---|---|
| **BĊN taż-żona tal-euro** | | | |
| Nationale Bank van België/ Banque Nationale de Belgique | 261 010 384,68 | 261 705 370,91 | 694 986,23 |
| Deutsche Bundesbank | 2 037 777 027,43 | 2 030 803 801,28 | – 6 973 226,15 |
| Eesti Pank | 19 261 567,80 | 19 268 512,58 | 6 944,78 |
| Central Bank of Ireland | 119 518 566,24 | 120 276 653,55 | 758 087,31 |
| Bank of Greece | 211 436 059,06 | 210 903 612,74 | – 532 446,32 |
| Banco de España | 893 564 575,51 | 893 420 308,48 | – 144 267,03 |
| Banque de France | 1 530 293 899,48 | 1 530 028 149,23 | – 265 750,25 |
| Banca d'Italia | 1 344 715 688,14 | 1 348 471 130,66 | 3 755 442,52 |
| Central Bank of Cyprus | 14 731 333,14 | 14 429 734,42 | – 301 598,72 |
| Banque centrale du Lussemburgu | 18 798 859,75 | 18 824 687,29 | 25 827,54 |
| Central Bank of Malta/Bank Ċentrali ta' Malta | 6 800 732,32 | 6 873 879,49 | 73 147,17 |
| De Nederlandsche Bank | 429 156 339,12 | 429 352 255,40 | 195 916,28 |
| Oesterreichische Nationalbank | 208 939 587,70 | 209 680 386,94 | 740 799,24 |
| Banco de Portugal | 188 354 459,65 | 190 909 824,68 | 2 555 365,03 |
| Banka Slovenije | 35 381 025,10 | 35 397 773,12 | 16 748,02 |
| Národná banka Slovenska | 74 614 363,76 | 74 486 873,65 | – 127 490,11 |
| Suomen Pankki | 134 927 820,48 | 134 836 288,06 | – 91 532,42 |
| **BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro** | | | |
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 3 505 013,50 | 3 508 926,04 | 3 912,54 |
| Česká národní banka | 5 839 806,06 | 5 901 929,17 | 62 123,11 |
| Danmarks Nationalbank | 5 986 285,44 | 5 989 205,79 | 2 920,35 |
| Hrvatska narodna banka | 0,00 | 2 413 300,01 | 2 413 300,01 |
| Latvijas Banka | 1 144 798,91 | 1 113 081,35 | – 31 717,56 |
| Lietuvos bankas | 1 717 400,12 | 1 661 503,27 | – 55 896,85 |
| Magyar Nemzeti Bank | 5 591 234,99 | 5 577 584,89 | – 13 650,10 |
| Narodowy Bank Polski | 19 754 136,66 | 19 720 862,57 | – 33 274,09 |
| Banca Națională a României | 9 944 860,44 | 9 924 772,42 | – 20 088,02 |

*(EUR)*

| | Sehem imħallas fit- 30 ta' Ġunju 2013 | Sehem imħallas mill-1 ta' Lulju 2013 | Ammont ta' ħlas ittrasferit |
|---|---|---|---|
| Sveriges riksbank | 9 112 389,47 | 9 179 064,74 | 66 675,27 |
| Bank of England | 58 580 453,65 | 58 584 938,26 | 4 484,61 |
| **Total** ([1]) | **7 650 458 668,60** | **7 653 244 410,99** | **2 785 742,39** |

([1]) Minħabba xi tqarrib, it-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-figuri kollha murija.

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

## *(BĊE/2013/19)*

(2013/361/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 28.3 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti [1] ddeterminat kif u sa liema punt il-banek ċentrażli nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn issa 'l quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") kienu taħt obbligu biex iħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Jannar 2009. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 ġiet issupplimentata minn Deċiżjoni BĊE/2010/27 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro [2].

(2) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [3] tistabbilixxi l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem l-"iskema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull bank ċentrali nazzjonali tal-Unjoni fl-iskema tal-kapital (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar fl-iskema tal-kapital").

(3) Mill-1 ta' Lulju 2013, il-kapital sottoskritt tal-BĊE ser ikun ta' EUR 10 825 007 069,61.

(4) It-tkabbir tal-iskema tal-kapital tal-BĊE jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 b'effett mill-1 ta' Lulju, u li tiddetermina kif u sa liema punt il-BĊNi taż-żona tal-euro huma taħt obbligu biex iħallsu l-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Lulju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Ammont u forma ta' kapital sottoskritt u mħallas

Kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jħallas is-sottoskrizzjoni sħiħa tiegħu fil-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

Meta jiġi kkunsidrat l-ippeżar fl-iskema tal-kapital stipulat fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/17, kull BĊN taż-żona tal-euro għandu jkollu total tal-kapital sottoskritt u mħallas li huwa l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN taż-żona tal-euro | EUR |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 261 705 370,91 |
| Deutsche Bundesbank | 2 030 803 801,28 |
| Eesti Pank | 19 268 512,58 |
| Central Bank of Ireland | 120 276 653,55 |
| Bank of Greece | 210 903 612,74 |
| Banco de España | 893 420 308,48 |
| Banque de France | 1 530 028 149,23 |
| Banca d'Italia | 1 348 471 130,66 |
| Central Bank of Cyprus | 14 429 734,42 |
| Banque centrale du Luxembourg | 1 882 468 729 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 6 873 879,49 |
| De Nederlandsche Bank | 429 352 255,40 |
| Oesterreichische Nationalbank | 209 680 386,94 |
| Banco de Portugal | 190 909 824,68 |
| Banka Slovenije | 35 397 773,12 |
| Národná banka Slovenska | 74 486 873,65 |
| Suomen Pankki | 134 836 288,06 |

[1] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 69.
[2] ĠU L 11, 15.1.2011, p. 54.
[3] Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Billi kull BĊN taż-żona tal-euro diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2013 taħt id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27, kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE jew jirċievi ammont lura mingħand il-BĊE, skont il-każ, sabiex jasal għall-ammont murija fit-tabella fl-Artikolu 1.

2. It-trasferimenti kollha li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Artikolu għandhom isiru skont id-Deċiżjoni BĊE/2013/18 tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2008/24 u d-Deċiżjoni BĊE/2010/27 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-21 ta' Ġunju 2013

## dwar il-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona tal-euro

## *(BĊE/2013/20)*

(2013/362/UE)

IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 47 tal-Istatut tas-SEBĊ jistipula illi l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri b'deroga (minn hawn 'il quddiem "BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro") m'għandhomx għalfejn iħallsu l-kapital sottoskritt tagħhom sakemm il-Kunsill Ġenerali, li jaġixxi b'maġġoranza li tirrappreżenta mill-inqas żewġ terzi mill-kapital sottoskritt tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill-inqas nofs l-azzjonisti, jiddeċiedi li persentaġġ minimu għandu jitħallas bħala kontribut għall-ispejjeż operattivi tal-BĊE.

(2) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/28 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas tal-kapital tal-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali li mhumiex fiż-żona euro [1] jistipula li kull BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro jrid iħallas 3.75 % ta' sehmu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE b'effett mid-29 ta' Diċembru 2010.

(3) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-SEBĊ fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2] tistabbilixxi l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem l-'iskema tal-kapital') skont l-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull bank ċentrali tal-Unjoni fl-iskema tal-kapital (minn hawn 'il quddiem l-'ippeżar fl-iskema tal-kapital').

(4) Mill-1 ta' Lulju 2013, il-kapital sottoskritt tal-BĊE ser ikun ta' EUR 10 825 007 069,61.

(5) L-iskema tal-kapital estiża teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2010/28 b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 u tiddetermina l-persentaġġ tal-kapital sottoskritt tal-BĊE li l-BĊNi li mhumiex fiż-żona tal-euro huma obbligati jħallsu b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

(6) B'konformità mal-Artikolu 3.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew [3], il-Gvernatur tal-Hrvatska narodna banka kellu l-opportunità jissottometti osservazzjonijiet fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Ammont u forma ta' kapital sottoskritt u mħallas

Kull BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro għandu jħallas 3.75 % ta' sehmu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Lulju 2013. Meta jiġi kkunsidrat l-ippeżar ġdid fl-iskema tal-kapital stipulat fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/17, kull BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro għandu jkollu kapital totali sottoskritt u mħallas tal-ammonti murija ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

(f'EUR)

| BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro | Kapital sottoskritt fl-1 ta' Lulju 2013 | Kapital imħallas fl-1 ta' Lulju 2013 |
|---|---|---|
| Българска народна банка/Bank Nazzjonali Bulgaru | 93 571 361,11 | 3 508 926,04 |
| Česká národní banka | 157 384 777,79 | 5 901 929,17 |
| Danmarks Nationalbank | 159 712 154,31 | 5 989 205,79 |
| Hrvatska narodna banka | 64 354 667,03 | 2 413 300,01 |
| Latvijas Banka | 29 682 169,38 | 1 113 081,35 |
| Lietuvos bankas | 44 306 753,94 | 1 661 503,27 |
| Magyar Nemzeti Bank | 148 735 597,14 | 5 577 584,89 |
| Narodowy Bank Polski | 525 889 668,45 | 19 720 862,57 |
| Banca Națională a României | 264 660 597,84 | 9 924 772,42 |
| Sveriges riksbank | 244 775 059,86 | 9 179 064,74 |
| Bank of England | 1 562 265 020,29 | 58 584 938,26 |

*Artikolu 2*

### Aġġustament tal-kapital imħallas

1. Peress illi kull BĊN li mhuwiex fiż-żona tal-euro (ħlief għall-Hrvatska narodna banka) diġà ħallas 3,75 % ta' sehmu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli fit-30 ta' Ġunju 2013 skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/28, kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew

[1] ĠU L 11, 15.1.2011, p. 56.
[2] Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] Id-Deċizjoni BĊE/2004/12 tas-17 ta' Ġunju 2004 li taddotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, ĠU L 230, 30.6.2004, p. 61.

jirċievi lura ammont mingħand il-BĊE, kif xieraq, sabiex jintlaħqu l-ammonti murija fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1.

2. Hrvatska narodna banka għandu jittrasferixxi lill-BĊE l-ammont muri ħdejn ismu fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Artikolu 1.

3. It-trasferimenti kollha li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Artikolu għandhom isiru skont id-Deċiżjoni BĊE/2013/18 tal-21 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għal trasferimenti ta' ishma fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u tħassir**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2010/28 hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2010/28 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1220/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tkun garantita l-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd lill-proċessuri tal-Unjoni mill-2013 sal-2015, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 104/2000 u (UE) Nru 1344/2011**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 349 tad-19 ta' Diċembru 2012)*

F'paġna 6, l-Anness, Nru tal-Ordni 09.2798, ir-raba' kolonna "Deskrizzjoni":

*minflok:* "Gambli u gambli kbar tal-ispeċi Pandalus borealis, fil-qoxra, friski, imkessħin jew iffriżati, għall-ipproċessar (1) (2) (4)";

*aqra:* "Gambli u gambli kbar tal-ispeċi Pandalus borealis, fil-qoxra, friski, imkessħin jew iffriżati, għall-ipproċessar (1) (2)".

F'paġna 7, l-Anness, Nru tal-Ordni 09.2762, it-tieni kolonna "Kodiċi NM":

*minflok:* "ex 0306 11 90

ex 0306 21 90";

*aqra:* "ex 0306 11 90

ex 0306 21 90

ex 0306 11 10".

F'paġna 7, l-Anness, Nru tal-Ordni 09.2762, it-tielet kolonna "Kodiċi TARIC":

*minflok:* "10

10";

*aqra:* "10

10

10".

## AVVIŻ LILL-QARREJJA

**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT